31992L0019

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 92/19/KEE
tat-23 ta' Marzu 1992
li temenda d-Direttiva 66/401/KEE dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pjanti għall-għalf

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pjanti għall-għalf [1] kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva 90/654/KEE [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 2(1a) tagħha,

Billi fid-dawl ta' l-iżvilupp fl-għarfien xjentifiku u tekniku f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ibridi li jirriżultaw mit-taħlit ta' speċi koperti mid-Direttiva 66/401/KEE, l-ibridi li jirriżultaw mill-taħlit tal-festuca pratensis Huds. mal-Lolium multiflorum Lam. għandhom, minħabba l-importanza miżjuda tagħhom fil-Komunità, jiġu inklużi fl-ambitu tad-Direttiva msemmija;

Billi fid-dawl ta' l-iżvilupp fl-għarfien xjentifiku u tekniku, l-Annessi II u III tad-Direttiva msemmija għandhom jiġu emendati sabiex jadattaw ruħhom għall-kondizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti miż-żerriegħa u l-piżijiet tal-lott u l-kampjun ta' l-ispeċi tal-Festulolium;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żerriegħa u l-Materjali ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikulturta u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 66/401/KEE hija emendata kif ġej:

1. Dan li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 2(1)(A)(a):

   "Din id-definizzjoni għandha tkopri wkoll l-ibridu segwenti li jirriżulta mit-taħlit ta' l-ispeċi li hemm riferenza dwarhom hawn fuq.

Festuca pratensis Huds. x Lolium	L-ibridi li jirriżultaw mill-taħlit ta' l–*multiflorum Lam.*għesieleġ twal tas-sikrana Taljana (inkluża s-sikrana Westerworld) (*x Festulolium*)".

2. Fl-Artikolu 3(1), "x *Festulolium*" huwa mdaħħal wara "*Festuca rubra* L."

[1] ĠU 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66.
[2] ĠU L 353, tas-17.12.1990, p. 48.

3. Fl-Anness I.3 "jew x Festulolium" għandu jidher kull darba wara "l-ispeċi tal-*Lolium*".

4. Fl-Anness II.I.2. A dan li ġej huwa mdaħħal wara "Festuca rubra L.":

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
"x *Festulolium*	75 (a)		96	1,5	1,0	0,5	0,3				0	0(j)(k)		5(n)"

5. Fl-Anness II. II.2. A dan li ġej huwa mdaħħal wara "Festuca rubra L.":

1	2	3	4	5	6	7	8
"x *Festulolium*	0,3	20(a)	2	5	5		(j)"

6. Fl-Anness III dan li ġej huwa mdaħħal wara "Festuca rubra L.":

1	2	3	4
"x *Festulolium*	10	200	60"

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju 1992. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan immedjatament.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikun fihom riferenza għall-din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn riferenza ta' dan it-tip fil-waqt tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura ta' riferenza ta' dan it-tip għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Marzu 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni